KUMMISSJONI
TITOLU 06 — ENERĠIJA U TRASPORT

KAPITOLU 06 05 — ENERĠIJA NUKLEARI

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2008		Approprjazzjonijiet 2007		Riżultat 2006	
			Impen	Hlas	Impen	Hlas	Impen	Hlas
06 05	ENERĠIJA NUKLEARI							
06 05 01	***Sigurtà nukleari***	1.1	19 000 000	16 000 000	16 500 000	16 500 000	17 092 580,32	13 671 907,36
06 05 02	***Sigurtà nukleari***	1.1	2 500 000	2 000 000	3 000 000	3 200 000	1 972 273,71	2 096 722,50
06 05 03	***Ħarsien mir-radjazzjoni***	1.1	1 200 000	1 000 000	800 000	700 000	1 168 681,65	214 441,63
06 05 05	***Sikurezza Nukleari — Miżuri transitorji (żmantellar)***	1.1	248 000 000	150 000 000	244 000 000	110 000 000	143 137 676,48	146 493 024,03
	Kapitolu 06 05 — Total		**270 700 000**	**169 000 000**	**264 300 000**	**130 400 000**	**163 371 212,16**	**162 476 095,52**

06 05 01 ***Sigurtà nukleari***

Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2008		Approprjazzjonijiet 2007		Riżultat 2006	
Impen	Hlas	Impen	Hlas	Impen	Hlas
19 000 000	16 000 000	16 500 000	16 500 000	17 092 580,32	13 671 907,36

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja, b'mod partikolari:

— spejjeż għall-missjonijiet mill-ispetturi magħmula skond programmi pre-stabbiliti ta' kull sitt xhur (*allowances* ta' sussistenza ta' kuljum u spejjeż ta' l-ivvjaġġar),

— taħriġ ta' l-ispetturi,

— xiri ta' tagħmir għall-użu f'ispezzjonijiet, partikolarment xiri ta' tagħmir ta' monitoraġġ bħal sistemi ta' video diġitali, tagħmir għall-kejl tal-gamma, in-*neutron* u l-*infrared*, siġilli elettroniċi u sistemi għal qari ta' siġilli,

— xiri u tiġdid ta' *hardware* ta' l-IT għall-ispezzjonijiet,

— proġetti speċifiċi għall-ispezzjonijiet IT (żvilupp u manutenzjoni),

— bdil ta' tagħmir ta' monitoraġġ u kejl li waslu fit-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom,

— manutenzjoni tat-tagħmir, inkluż assigurazzjoni (tagħmir speċifiku f'Canberra, Ametek, Fork u f'siti GBNS),

— miżuri ta' infrastruttura teknika, inkluż ġestjoni ta' l-iskart u trasport kampjun,

— analiżi fuq il-post (spejjeż tax-xogħol u spejjeż tal-missjoni għall-analisti),

— ftehim fuq il-postijiet tax-xogħol fis-sit (laboratorji, uffiċċji, eċċ),

— ġestjoni ta' kuljum ta' stallazzjonijiet fuq il-post u laboratorji ċentrali (tiswijiet, manutenzjoni, *hardware* ta' l-IT, xiri ta' provisti u oġġetti tal-konsum, eċċ),

— Appoġġ u provi IT għall-applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll ammont ta' EUR 91 000 mgħoddija lill-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija. Dħul ġej mill-ħlas lura ta' din is-somma mill-Aġenzija, imdaħħal fl-Artikolu 6 1 6 tal-prospett tad-dħul, jagħti lok għall-approprjazzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament Finanzjarju.

Li ġej ukoll jagħti lok għall-approprjazzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 18(1)(e) to (j) tar-Regolament Finanzjarju:

— klejms ta' l-assigurazzjoni mħallsa,

— ħlas lura ta' somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni għall-oġġetti, xogħol jew servizzi.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — ENERĠIJA U TRASPORT

KAPITOLU 06 05 — ENERĠIJA NUKLEARI *(ikompli)*

06 05 01 *(ikompli)*

Bażi legali

Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji ta' l-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1).

Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu VII u l-Artikolu 174.

Atti ta' referenza

Ftehim ta' verifika bejn l-Komunità, l-Istati Membri li ma jużawx armi nukleari u l-Aġenzija ta' l-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija ta' l-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija ta' l-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u pajjiżi barra l-Komunità bħal l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 1997 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' laboratorji fuq il-post għall-analiżi tal-verifika tal-kampjuni ta' protezzjoni (SEC(92) 515 finali).

06 05 02 ***Sigurtà nukleari***

Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2008		Approprjazzjonijiet 2007		Riżultat 2006	
Impen	Hlas	Impen	Hlas	Impen	Hlas
2 500 000	2 000 000	3 000 000	3 200 000	1 972 273,71	2 096 722,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa magħmula mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' l-informazzjoni ta' kull xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni fuq is-sigurtà nukleari u s-sikurezza, partikolarment fl-Istati Membri ġodda.

Maħsuba biex tkopri wkoll nefqa għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' korp ta' ispetturi għas-sigurtà nukleari. Din in-nefqa tinkludi l-*allowances* tas-sussistenza u spejjeż ta' l-ivvjaġġar ta' l-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż ta' l-ispetturi mill-Istati Membri, li jinġarru skond id-dispożizzjonijiet preskritti fir-regolamenti. Ma' dawn l-ispejjeż jiżdiedu, b'mod partikolari, l-ispejjeż għat-taħriġ ta' l-ispetturi, għall-laqgħat preparatorji għall-provisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet.

Bażi legali

Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/21/KE, Euratom ta' l-14 ta' Diċembru 1998 li tadotta programm qafas pluriennali għal azzjonijiet fis-settur ta' l-enerġija (1998-2002) u miżuri relatati (ĠU L 7, 13.1.1999, p. 16).

Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/25/Euratom ta' l-14 ta' Diċemrbu 1998 li tadotta programm pluriennali (1998-2002) ta' azzjonijiet fil-qasam nukleari, dwar it-trasport sikur ta' materjali radjuattivi u dwar salwagwardji u kooperazzjoni industrijali sabiex jiġu promossi ċerti aspetti tas-sikurezza ta' istallazzjonijiet nukleari fil-pajjiżi li bħalissa qed jipparteċipaw fil-programm TACIS (ĠU L 7, 13.1.1999, p. 31).

Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu III u l-Artikolu 174.

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom), ippreżentata mill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2003, li tistabilixxi obbligi bażiċi u prinċipji ġenerali dwar is-sikurezza ta' istallazzjonijiet nukleari (COM(2003) 32 finali).

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom), ippreżentata mill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2003, dwar l-immanniġġar ta' fuel nukleari mejjet u skart redjuattiv (COM(2003) 32 finali).

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — ENERĠIJA U TRASPORT

KAPITOLU 06 05 — ENERĠIJA NUKLEARI *(ikompli)*

06 05 03 Ħarsien mir-radjazzjoni

Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2008		Approprjazzjonijiet 2007		Riżultat 2006	
Impen	Hlas	Impen	Hlas	Impen	Hlas
1 200 000	1 000 000	800 000	700 000	1 168 681,65	214 441,63

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri nefqa fuq miżuri u azzjonijiet relatati mas-sorveljanza u l-ħarsien kontra l-effetti tar-radjazzjoni jonizzanti u għandha l-għan li tiżgura l-ħarsien tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ħarsien ta' l-ambjent kontra l-perikli tar-radjazzjoni u tas-sustanzi radjoattivi. Dawn l-azzjonijiet huma marbuta ma' kompiti speċifiċi provduti fit-Trattat ta' l-Euratom.

Din in-nefqa tirrigwarda b'mod partikolari il-ġbir u l-ipproċessar ta' l-informazzjoni ta' kull xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli u miżuri fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri wkoll nefqa għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' korp ta' ispetturi għall-verifika tal-protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri. Din in-nefqa tinkludi flimkien ma' l-*allowances* tas-sussistenza u spejjeż ta' l-ivvjaġġar (missjoni) l-ispejjeż għat-taħriġ, għall-laqgħat preparatorji għall-provisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet.

Bażi legali

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat ta' l-Euratom fil-Kapitolu 3 u l-Artikolu 174.

L-Artikolu 31 tat-Trattat ta' l-Euratom: il-ġbir ta' informazzjoni u t-tħejjija ta' leġiżlazzjoni ġdida li jikkomplimentaw l-Istandards Bażiċi ta' Sigurtà.

L-Artikolu 33 tat-Trattat ta' l-Euratom: it-twettiq ta' direttivi, inkluż b'mod partikolari fil-qasam mediku (qasam C: Direttivi 96/29/Euratom (ĠU L 314, 4.12.1996, p. 1) u 97/466/Euratom) u tad-Direttiva l-ġdida 2003/122/Euratom dwar il-kontroll ta' sorsi radjoattivi ssiġillati ta' attività għolja (ĠU L 346, 31.12.2003, p. 57) (kontroll ta' radjoattività, speċjalment ta' sorsi radjoattivi siġillati ta' attività għolja).

It-twettiq ta' l-obbligi li tpoġġew fuq il-Kummissjoni mill-leġiżlazzjoni speċifika li ġejja,

— Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunita għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika,

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90 tat-22 ta' Marzu 1990 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriginaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident tal-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (ĠU L 82, 29.3.1990, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1) (l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli wara l-inċident ta' Chernobyl);

— L-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 35(2) tat-Trattat ta' l-Euratom: verifika tal-monitorjar tar-radjoattività ambjentali.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — ENERĠIJA U TRASPORT

KAPITOLU 06 05 — ENERĠIJA NUKLEARI *(ikompli)*

06 05 05 Sikurezza Nukleari — Miżuri transitorji (żmantellar)

Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2008		Approprjazzjonijiet 2007		Riżultat 2006	
Impen	Hlas	Impen	Hlas	Impen	Hlas
248 000 000	150 000 000	244 000 000	110 000 000	143 137 676,48	146 493 024,03

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-fondi ta' dikummissjunar ta' l-impjant nukleari ta' l-Ignalina (Litwanja) u Bohunice (Slovakkja), skond il-ftehim iffirmat ma' l-Istati Membri kkonernati..

Din il-linja tal-baġit tinkludi EUR 70 miljun addizzjonali (prezzijiet ta' l-2004) sabiex ikopru appoġġ simili għall-Bulgarija, kif previst fl-Att ta' l-Adeżjoni.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kull tip li hu meħtieġa għall-analiżi, d-definizzjoni, l-promozzjoni, l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekommissjonar.

Il-Kummissjoni kull sena se tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi kommessi taħt din il-linja tal-baġit, kif ukoll stimi riveduti ta' l-ispejjeż u ta' l-iskedi ta' żmien ta' l-operazzjonijiet ta' dekommissjonar tar-reatturi nukleari konċernati.

Bażi legali

Il-kompitu jirriżulta minn poteri speċifiċi li ngħataw lill-Kummissjoni direttament mit-Trattat ta' l-Adeżjoni (il-Protokoll 4 dwar l-impjant nukleari Ignalina fil-Litwanja u l-Protokoll 9 dwar l-unita 1 u l-unita 2 ta' l-impjant nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja, it-tnejn annessi mat-Trattat ta' Adeżjoni).

Il-kompitu jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw lill-Kummissjoni direttament mit-Trattat ta' l-Adeżjoni (il-Protokoll 4 dwar l-impjant nukleari Ignalina fil-Litwanja anness mat-Trattat ta' Adeżjoni).

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat ta' l-Euratom fil-Kapitolu 203.

Il-kompitu tal-Bulgarija ngħata direttament b'mod simili lill-Kummissjoni mill-Artikolu 30 tat-Trattat ta' Adeżjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 4 dwar l-impjnat nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja għall-Att ta' l-Adeżjoni (ĠU L 411, 30.12.2006, p. 10).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 549/2007 ta' l-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-protokoll Nru 9 ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, dwar l-impjant nukleari ta' Bohunice VI fis-Slovakkja (ĠU L 131, 23.5.2007, p. 1).